**Attivitajiet għax-xahar t' April**

**Il-Ġimgħa 1 t'April:** 8.30 p.m. Project House Floriana. Illum Catherine Deguara u John Trapani se jagħmlulna xi logħob divertenti. Ejjew għax tieħdu gost. Hemm rigali x'jintrebħu.

**Il-Ġimgħa 8 t'April:** 8.00 p.m. Bugibba. Illum se niċċelebraw il-birthdays ta' Marzu u April flimkien. Se mmorru l-Watson's Bugibba (quddiem l-Incognito). Prezz – 15 EURO

Menu - Starter: Spaghetti Bolognaise/ Vegetable Soup
Main Course: Roast Beef/ Half Chicken/ Fish Fillet
Inbid/Soft Drink
Cake, Kafe'

Dan jinkludi l-entertainment. Ejjew ħa tiżfnu u tieħdu gost. Booking ma' Catherine Deguara. Mob. No. 99278570

**Il-Ġimgħa 15 t'April:** 8.30 p.m. Project House Floriana. Illum, jekk jirnexxielna se nistiednu rappreżentant tas-Social Services biex jiġi jagħmlilna taħdita fuq is-Servizzi Soċjali li jolqtu lir-romol u pensjonanti.

**Il-Ġimgħa 22 t'April**: 8.30 p.m. Project House Floriana. Illum se nqattgħu ftit ħin relaxed flimkien nitkellmu u nieħdu kafe' flimkien. Fuq talba tagħkom se naraw ukoll il-film tal-programm "Skjetti" li fih ħadu sehem Marija u Joseph.

**Il-Ħadd 24 t'April:** Illum se mmorru ġurnata Għawdex. Niltaqgħu fit-tmienja u nofs (8.30 a.m.) iċ-Ċirkewwa. Niġu lura għal-ħin tas-sitta. Nisimgħu il-quddiesa hemmhekk u jkollna l-coach magħna l-ġurnata kollha. Prezz €15 inkluż il-coach u l-ikla ta' nofsinhar. Booking ma' Mark Farrugia Mob. No. 99452005.

**Il-Ġimgħa 29 t'April**: 8.30 p.m. Project House Floriana. Illum is-Sur Joseph Farrugia se jagħmlilna taħdita dwar "Il-Ħajja tal-bniedem fi żmien il-Bronz". Titilfuhiex! Għax tkun interessanti żgur.

**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**




**Volum 19 Harga 4 April 2016**

Għeżież ħbieb,

Ix-xahar ta' Marzu huwa xahar importanti għall-grupp. Dan ix-xahar saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali u ttella' l-kumitat il-ġdid. Inqraw ir-rapporti fejn tajna ħarsa lejn l-attivitajiet li għamilna din is-sena u nqara wkoll ir-rapport finanzjarju. Matul is-sena li għaddiet għamilna ħafna attivitajiet divertenti u interessanti u nisperaw li din is-sena 2016/17 tkun waħda tajba ukoll. Diġa bdejna billi fix-xahar t' April għandna ħafna attivitajiet sbieħ għalikom u ċerta li nieħdu gost u nifirħu flimkien.

Il-grupp qed jikber ġmielu u dan l-aħħar ħa spinta kbira 'l quddiem u għalhekk importanti li dak li sibna aħna inkunu nistgħu ngħadduh lil ħaddieħor – mhux kif sibnih – imma aħjar! Meta aħna fittixna grupp għal għajnuna sibna l-grupp tagħna – u għalhekk jiena dejjem nisħaq li l-kontinwazzjoni tal-grupp hija importanti. Biex meta jiġu nies ġodda isibu l-wens u l-kenn li tant ikollok bżonn wara t-telfa kiefra ta' xi ħadd għażiż għalik.

Għeżież ħbieb tafu għaliex il-grupp dejjem jikber u jżid fil-membri? Għax kull wieħed u waħda minnha jagħti daqqa t'id biex min jiġi ġdid iħossu/tħossha 'welcome'. Hija ħaġa sabiħa ħafna u nieħu gost narakom idduru bil-membri ġodda u tippruvaw tgħinuhom biex iħossuhom milqugħa. Trid il-kuraġġ biex tidħol fi grupp għall-ewwel darba fost ħafna nies li lanqas biss tafhom – tħossok tinbela'. Għalhekk tajjeb li aħna nilqgħuhom tajjeb u ta' dan nirringrazzjakom. Jiena nixtieq ukoll naċċerta ruħi li jkollna nies li kapaċi jmexxu l-grupp 'il quddiem u għalhekk ninkoraġġixxi membri pjuttost żgħar biex jidħlu fil-kumitat – ħalli nkomplu fil-futur. Jiena ħadt gost li kellna numru tajjeb ta' nies li xtaqu joħorġu għall-kumitat u uħud minnhom żgħar fl-eta'. Nirringrazzjahom minn qalbi. Nirringrazzja ukoll lil Joslin Bonnici u Monica Zarb li wkoll kienu offrew biex joħorġu għall-kumitat. Il-kumitat il-ġdid huwa ffurmat minn:

1. Maria Borg - Chairperson
2. John Trapani – Vice Chairperson
3. Marie-Louise Suda – Secretary
4. Joseph Bonello – Treasurer
5. Catherine Deguara – Social Secretary
6. Ray Micallef – PRO
7. Mark Farrugia – IT Officer

Nixtieq hawnhekk nirringrazzja lil dawk il-membri kollha li mhumiex fil-kumitat imma xorta jgħinu u jagħtu sehemhom mill-qalb fil-grupp. Nixtieq nilqa' lill-membri ġodda tal-kumitat, jiġifieri lil Catherine Deguara u John Trapani, u nawgura sena ta' ħidma intensiva flimkien. Fl-istess waqt nirringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat li taw sehemhom fis-sena li għaddiet u lil Silvio Ellul u Connie Azzopardi li issa ċedew posthom fil-kumitat. Nirringrazzjahom minn qalbi tas-servizz li taw.

Dejjem tagħkom,
*Maria*




Spring is a time to find out where you are, who you are, and move toward where you are going

Penelope Trunk

PICTUREQUOTES.com